**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-HAMIS 22 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru:**

**Avviz Nru: 1135/01 JB**

**Kingrid Galea**

**vs**

**Hayes Insurance Agency Limited et**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas- socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' (Lm1465.65c) elf u erbgha mija u hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi rappresentanti flus fuq xoghol li ghamel il-konvenut Joseph Mifsud.

Dan ix-xoghol jkopri xoghol ta' panel beating, tibdil ta' parts fuq diversi vetturi ta' l-attur li kienu koperti b' polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-konvenuta Hayes Insurance Agency Limited li accettat li thallas wara li baghtet surveyor.

Għalhekk l-attur talab li l-konvenuti jiġi kkundannati b' mod solidali bejniethom biex iħallsu l-ammont dovut ta' elf erba' mija u ħamsa u sittin lira Maltin,  ħamsa u sittin ċentezmi (Lm1465, 65c) bl-imgħax mil-lum u l-ispejjez.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fil 5 ta' Novembru, 2001.

Ra li konvenuti baqgħu ma ipprezentawx risposta għalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Dr. Peter Caruana Galizia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ta' Lm768.65c (sebgħa mija u tmienja u sittin lira Maltin u ħamsa u sittin ċentezmi) għadu ma tħallasx;

Jiddeċiedi billi jilqa t-talba attriċi bl-ispejjes u bl-interessi skond il-liġi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**